**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar Iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Isml

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 05/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 04/03/2010 fis-6.35 pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mis-7.15pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti sad-9.00pm |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**05. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Proponent:Wille Piscopo<br>Sekondant:Seychell | **Il-Minuti 04/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 04.3.4 | Jitneħħew il-kliem 'kif ukoll minħabba s-siġra li tneħħiet'. | | |
| | 07.7.24 | Wara l-kelma 'Hales' tiżdied il-kelma 'reġa''. | | |
| 05. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | 04.2.2 | Sindku: Kwotazzjoni għal Solar Water Pump | Is-Sindku ssottometta fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjonijiet li daħlu għal solar water pump. Wara l-evalwazzjoni li saret **il-Kunsill qabel nem.con li jagħżel l-offerta ta' Solar Engineering għal prezz ta' Eur2,800.** | Sindku |
| 05. 2. 2 | 04.2.4 | Wille Piscopo: Tkabbir tas-Suq | Wille Piscopo staqsiet dwar it-tkabbir tas-Suq. Is-Sindku spjega li saret on site inspection u l-ebda awtorita' mhi toġġezzjona iżda minflok fuq parir tad-Dipartiment ta' l-Artijiet ser nitolbu għal tkabbir u it-talba tal-Kunsill ser tkun għal embellishment u tiġi sottomessa pjanta . | Pace |
| 05. 2. 3 | 04.2.6 | Sindku: Sleeping Policmen | Kif kien ġie deċiż fil-laqgħat preċedenti beda t-twaħħil ta' diversi sleeping policemen madwar il-lokalita'. Tul din il-ġimgħa twaħħlet l-ewwel waħda fid-dħul tad-Dar ta' l-Anzjani. | Sindku<br>Darmanin |
| 05. 2. 4 | 04.2.7 | Sindku: Żjara tal-Presdient | Il-Kunsill ġie infurmat li d-dati taż-żjara tal-President ġew konfermati għal 13 u s-s16 ta' Mejju, 2010. Il-Kunsill qabel li l-fiera ta' l-isports li s-soltu tittella' f'Jum iż-Żejtun, din is-sena tittella' waqt iż-żjara tal-President. Seychell talab sabiex it-tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra li s-soltu ssir fit-2 ta' Mejju, din id-darba issir ukoll waqt iż-żjara tal-President. Għaldaqstant is-Sindku talab li jitħejja programm li fih jiddaħħal ukoll il-ftuħ ta' Ġnien iż-Żgħożija, liema programm ikun konfermat ma' l-Uffiċċju tal-President. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2. | 5 | 04.2.9 | Seychell: Embellishment ta' Pjazza Repubblika | Seychell staqsa meta ser jibda l-embellishment ta' Pjazza r-Repubblika. Is-Sindku spjega li bħalissa qed jintalbu l-permessi tal-MEPA sabiex meta toħroġ l-applikazzjoni tad-dipartiment ikunu nistgħu nissottmettu d-dokumenti meħtieġa sabiex nakkwistaw fondi. Is-Segretarjat ġibed l-attenzjoni li d-DLG ħarġet l-applikazzjoni u hemm 6 ġimgħat ċans biex tintefa' l-applikazzjoni. | Sindku |
| 05. | 2. | 6 | 04.2.11 | Sindku: Tender 01/2010 Street LED Lanterns | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li talab lil Justin Attard sabiex jissupplixxi lill-Kunsill prototype tal-lanterna. | Sindku |
| 05. | 2. | 7 | 04.2.16 | Segretarjat: Clerk Part-time | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li s-Sinjura RoseMarie Cassar ser tiltaqa' mas-Sindku, Viċi-Sindku u l-kumplament ta' l-istaff nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu filwaqt li d-data uffiċjali tal-bidu ta' imjieg tagħha ser tkun it-Tlieta 6 ta' April 2010. | Sindku |
| 05. | 2. | 8 | 04.7.1 | Sindku: Żjara Grupp ta' studenti - MTA | Is-Sindku ta rapport taż-żjara li qed issir bħalissa minn studenti mill-Puglia li qed jistudjaw biex jagħmlu xogħol fl-agenziji tal-vjaġġi. L-MTA għenu fit-trasport u gwida filwaqt li dawn ġabu magħhom kontribuzzjoni ta' Eur800. Is-Sindku stieden lill-Kunsill biex jiltaqa' ma' dawn l-istudenti is-Sibt li ġej fl-10.00am ġewwa l-Kunsill Lokali. | Sindku Viċi-Sindku |
| 05. | 2. | 9 | 04.7.9 | Sindku: Ġbir ta' Skart | Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-Tlieta li għaddew kienet l-ewwel darba li saret il-kollezzjoni tal-borża griża/ħadra biss. Il-Kunsill innota li l-kartun ħdejn l-iskips żdied. L-Onor Chris Said kienet informa lill-Kunsill li minn April il-Kunsilli Lokali ser ikollhom is-servizz ta' green warden u għaldaqstant dan il-green warden ser jingħata indikazzjoni ta' fejn qed isir dumping illegali f'żoni speċifiċi biex jiġu sorveljati. Is-Sindku spjega lill-Kunsill li sar eżerċizzju mill-wardens u saret sorveljanza ħdejn l-iskips li tat riżultat. | Sindku |
| 05. | 2. | 10 | 04.7.10 | Hales: Patching | Hales talab sabiex isir patching fi Sqaq Ħaż Żabbar Nru. 3. | |
| 05. | 2. | 11 | 04.7.14 | Wille Piscopo: Tfiegħ ta' Skart | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar skart akkumulat fi Triq Dejma k/m Triq Delimara. Hales semma l-problema ta' rimi tas-separazzjoni ta' skart tal-ġonna filwaqt li ġibed l-attenzjoni li l-ħaxix ma jistax ikun imħallat ma' materjal ieħor. Is-Sindku spjega li din hija sfida oħra ta' l-iskart. **Il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal bins apposta għall-ħmieġ tal-klieb.** Wille Piscopo semmiet ir-rimi taż-żejt ta' l-ikel fejn hi stess qed tipprova issib mezz fejn jinġieb kontenitur kbir fil-lokalita' sabiex jintrema ż-żejt iżda s'issa għadha ma sabitx *location* tajba. Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li jiġu avviċinati l-pompi tal-petrol fejn ikunu infurmati bil-proposta tal-Kunsill biex iġibu kontentitur fejn jintema żejt ta' l-ikel. | Sindku |
| 05. | 2. | 12 | 04.7.16 | Seychell: Kunċert tal-Milied | Seychell informa lill-Kunsill li l-Joy Gospel Singers ma jistgħux dak inhar tat-22 ta' Diċembru u għaldaqstant ipproponew id-data tas-17 ta' Diċembru. Il-ħlas mitlub huwa ta' €302.81. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Seychell |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05. 2. 13 04.7.19 | Fenech: Programm 'Vespri' | Fenech infurmat lill-Kunsill li dak inhar in-nominazzjoni ma kinetx f'isem il-Kunsill Lokali Żejtun u ma kinetx preżenti bħala Kunsilliera iżda bħala ħabiba tan-nominat tal-programm. | |
| 05. 2. 14 04.7.20 | Wille Piscopo: Ġbir ta' skart | Wille Piscopo infurmat lill-Kunsill li r-Richmond Foundation għadhom joħorġu l-iskart tard meta l-ġbir ikun diġa' sar. Is-Sindku spjega kif dan l-abbuż qed isir ukoll mill-ħwienet, posta u l-iskejjel. Għaldaqstant trid tinstab soluzzjoni għal dan. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-persuna mhux awtorizzata mill-Kunsill għadha qed tħabbat lin-nies biex tiġbor l-iskart. Is-Sindku spjega li dwar din il-persuna diġa' ġie avviċinat Frans Said. Għadaqstant ser jittieħdu ritratti biex ikollna provi u nerġgħu nitkellmu ma' Frans Said. | Sindku |

**05. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 3. 1 | 03 | DLG: Memo 35/2010 | **Il-Kunsill qabel li jinforma lill-kuntrattur Ronald Bezzina dwar il-bexx u l-pestiċida biex jintefħa l-ħaxix ħażin sabiex dan ikun dak approvat mill-Malta Standards Authority.** | Hales |
| 05. 3. 2 | 04 | DLG: Memo 36/2010 | **Il-Kunsill qabel li l-kuntratt li ġie mogħti tul is-sena 2009 kien dak tal-patching lis-Sur Grezzju Ellul.** | Segretarjat |
| 05. 3. 3 | 05 | DLG: Memo 37/2010 | **Il-Kunsill qabel li jistieden lil belt ta' Tocina għal konferenza internazzjonali li ser dwar il-ġemellaġġi. Il-Kunsill bi pjaċir innota li l-kumpanija ta' l-ajru RyanAir ser tibda topera għal Seville. Il-belt ta' Celano ma setgħetx tkun mistiedna peress li l-Kunsill għadu ma ġiex ffurmat.** | Sindku |
| 05. 3. 4 | 08 | Skola Primarja A: Fun Walk | **Il-Kunsill qabel li jiġi ordnat is-servizz ta' gwardjan għal fun walk annwali ta' l-iskola primarja li din is-sena ser issir fit-23 ta' Marzu.** | Camilleri Segretarjat |
| 05. 3. 5 | 10 | NSO: Stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali | Is-Sindku talab lil Viċi-Sindku issegwi l-istħarriġ dwar l-iskart li ser isir fit-22 ta' Marzu fi Triq Mikiel Cachia. | Viċi-Sindku |
| 05. 3. 6 | 11 | Għaqda Banda Żejtun: Car Wash | **Il-Kunsill qabel li l-latrina tas-Suq għandha tkun miftuħa il-Ħadd 7 ta' Marzu minħabba l-carwash li qed tkun organizzata mill-Għaqda Banda Żejtun.** | Hales |
| 05. 3. 7 | 15 | MT: Resurfacing Works fi Triq Orazio Diacono | Il-Kunsill bi pjaċir innota li dalwaqt jibda x-xogħol fuq il-wiċċ ta' Triq Orazio Diacono. Għandna ninfurmaw lir-residenti. | Sindku |

**05. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 05. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 9 | Alka Ceramics | **Il-Kunsill qabel li ma jħallasx dan il-kont qabel ikun speċifikat min-naħa tal-Kuntrattur liema street plaques provda.** | Segretarjat |
| 05. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 05/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 05. 4. 4 | | Petty Cash - Frar 2010 | **Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash li ntefaq matul ix-xahar ta' Frar 2010, hekk kif preżentat li kien jammonta għal €230.31.** | Segretarjat |

**05. 5. Rapport dwar resurfacing ta' toroq**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5. 1 | | Darmanin: Triq Anġlu Grima | Darmanin irraporta d-diżgwid li inqala' illum bejn xi residenti ta' Triq Anġlu Grima filwaqt li hemm sid ta' art li qed jiġbed l-attenzjoni sabiex ma jsirx tarmak fuq l-art tiegħu. | Sindku |
| 05. 5. 2 | | | Darmanin ġibed l-attenzjoni dwar 70pied bankina li ma saritx fi Triq Anġlu Grima. | Sindku |

**05. 6. Tkomplija ta' xogħol fi Ġnien Brejġu**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 6. 1 | | Sindku: Rapport - Ġnien Brejġu | Is-Sindku spjega li x-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta u x-xogħol li fadal isir ser issir bil-ħaddiema tal-Kunsill. | Sindku |
| 05. 6. 2 | | | Seychell talab sabiex jitneħħa l-ħaxix ħażin. | Hales |

**05. 7. Xogħlijiet fir-Ring Road ta' Ħal Tmiem**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 7. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq ir-ring road ta' Ħal Tmiem mexa ħafna. | |

**05. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 8. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Kunsill irċieva 6 nominazzjonijiet għal Ġieħ iż-Żejtun: 5 għal Joseph Baldacchino u nominazzjoni waħda għal Lorenza Bonavia. Wara li l-Kunsill qara l-profil tagħhom, b'mod unanimu qabel li s-Sur Joseph Baldacchino għandu jkun ir-rebbieħ ta' Ġieħ iż-Żejtun 2010. | Seychell |
| 05. 8. 2 | | | Hales staqsa għaliex Għaqda ma tistax tiġi nominata għal Ġieħ iż-Żejtun. Is-Sindku spjega li meta l-Kunsill fassal illimita din in-nominazzjoni għal individwi u mhux għaqdiet. Is-Sindku jemmen li kull għaqda ħaqqa dan il-premju. | Seychell |

**05. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 9. 1 | | Wille Piscopo: Bandli fi Ġnien iż-Żgħożija | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-vandaliżmu li sar fuq il-bandli fi Ġnien iż-Żogħożija filwaqt li reġgħet talbet sabiex isiru l-gates ta' l-istess bandli. Is-Sindku spjega li hemmhekk kif ukoll fil-bandli ta' Ġnien iċ-Ċrieki ser isiru railings kontra xulxin. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05. 9. 2 | Pace: Triq A. Cachia Zammit | Pace informa lill-Kunsill li skond il-Perit Cordina ta' TM Triq A Cachia Zammit hi triq residenzjali u responsabilta' tal-Kunsill u għaldaqstant ma jistax isir extensive patching min-naħa tat-TM. Is-Sindku spjega li l-Kunsill huwa responsabbi mill-maintenance u mhux mir-resurfacing. Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni li din it-triq saret perikoluża tant li s-sewwieqa biex jevitaw il-ħofor ma jindunawx li jkun hemm in-nies fuq iz-zebra crossing biex jaqsmu. Il-Kunsill iħoss li għandu jilmenta ma' TM li minħabba d-deviations li saru biex issir il-by pass ta' M'scala, saret ħafna ħsara fuq il-wiċċ ta' Triq A. Cachia Zammit. | Pace |
| 05. 9. 3 | Darmanin: Triq l-Għadam | Darmanin reġa' semma il-każ ta' double yellow lines fi Triq l-Għadam. Is-Sindku reġa' semma l-kawża tal-Qorti li s-sentenza tagħha kienet maqtugħa mill-Onor. Imħallef L. Farrugia Sacco. | |
| 05. 9. 4 | Darmanin: Membru Parlamentari | Darmanin informa lill-Kunsill li membru parlamentari mid-distrett mhux jimxi skond l-etika. Is-Sindku talab lil Darmanin sabiex ikellem personalment lill-membru parlamentari konċernat. | Darmanin |
| 05. 9. 5 | Wille Piscopo: Triq Falkunier | Wille Piscopo talbet lill-Kunsill ikellem lill-kuntrattur ta' Triq Falkunier sabiex jitħaffef ix-xogħol peress li hemm persuna li ser tiżżewweġ. | Segretarjat |
| 05. 9. 6 | Wille Piscopo: Ħajt fi Triq PAB k/m Triq Marsaxlokk | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħajt li baqa' imwaqqa' mill-inċident li seħħ f'Awwissu 2009 fi Triq President A. Buttiġieġ. | |
| 05. 9. 7 | Hales: Passaġġ fi Triq Marrubja k/m Triq Kemmun Ħelu | Hales irrimarka dwar il-passaġġ ta' bejn Triq Marrubja u Triq Kemmun Ħelu peress li xi residenti żergħu xi ħaxix. | |
| 05. 9. 8 | Hales: Art fi Triq Ħaddara | Hales ġibed l-attenzjoni dwar art li għandha bżonn terġa' titnaddaf fi Triq il-Ħaddara. | |
| 05. 9. 9 | Hales: 2 siġriet f'Ħal Tmiem | Hales informa lill-Kunsill dwar żewġ siġriet li qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti f'Ħal Tmiem. | - |
| 05. 9. 10 | Hales: Ħitan tas-sejjieħ - Triq Strejnu | Hales informa lill-Kunsill dwar ħitan tas-sejjieħ li nbew għoljin fi Triq Strejnu. **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-MEPA jekk dawn il-ħitan ittellgħux skond il-liġi.** | Segretarjat |
| 05. 9. 11 | Hales: Vandaliżmu fil-latrini ta' Ġnien San Girgor | Hales irrimaka dwar il-vandaliżmu li qed isir fi l-latrini ta' Ġnien San Girgor. Darmanin staqsa għaliex il-ġnien mhux qed jingħalaq. Hales qal li tal-kiosk mhux jagħlaq il-gate tal-ġnien filwaqt li l-Viċi-Sindku staqsiet jekk mexiex il-proċess tal-camera. Is-Segretarjat wieġeb li s-ur David Soler għamel l-applikazzjoni meħtieġa mal-MITA. | |
| 05. 9. 12 | Hales: Sewqan eċċessiv | Hales ġibed l-attenzjoni dwar is-sewqan eċċessiv fi Triq Toni Zahra. Niktbu lill-Pulizija dwar dan. | |
| 05. 9. 13 | Hales: Ħitan fi Ġnien San Girgor | Hales talab sabiex jiġu irranġati l-ħitan ta' Ġnien San Girgor qabel iż-żjara li ser issir mill-Arċisqof liż-żgħażagħ fit-28 ta' Marzu 2010. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05. 9. 14 | Viċi-Sindku: Ġieh iż-Żejtun | **Il-Kunsill qabel li r-riċeviment għal Jum iż-Żejtun isir nhar id-19 ta' Marzu fis-Sala Parrokkjali fis-7.30pm.** Bħala parti miċ-ċelebrazjonijiet ta' Jum iż-Żejtun ser tittella' eżibizzjoni ta' proġetti mħejjija mit-tfal ta' year 4,5,6 dwar is-separazzjoni ta' l-iskart fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat li l-ftuħ tagħha ser ikun fis-17 ta' Marzu. Il-Kunsilliera mħeġġa jattendu. Seychell fakkar li nhar l-14 ta' Marzu ser jittella' seminar dwar il-Fratellanzi immexxi minn Guido Lanfranco, u l-Perit Joe Magro. | Viċi-Sindku Seychell |
| 05. 9. 15 | Viċi-Sindku: *Presentation* dwar Jum iż-Żejtun | Is-Sindku se jtella' *presentation* lit-tfal ta' l-iskola fuq Jum iż-Żejtun nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu ġewwa l-iskola primarja. | Sindku Viċi-Sindku |
| 05. 9. 16 | Fenech: Ħadid f'Misraħ Diċembru XIII | Fenech reġgħet fakkret lill-Kunsill biex jinqala l-ħadid ta' Misraħ Diċembru XIII. | Sindku |
| 05. 9. 17 | Seychell: Sinjal taz-zebra crossing | Seychell reġa ġibed l-attenzjoni dwar sinjal taz-zebra crossing nieqes minn Triq San Girgor wara l-knisja. | Darmanin |
| 05. 9. 18 | Fenech: Tug of War - Kunsill Lokali Għarb | Fenech infurmat lill-Kunsill li ż-żgħażagħ mhumiex ser jieħdu sehem fit-tug of war li ser tkun organizzata mill-Kunsill Lokali Għarb bejn id-19 u l-21 ta' Marzu 2010 minħabba l-logħba futbol taż-Żejtun Corinthians kontra n-Naxxar. | Fenech |
| 05. 9. 19 | Pace: *Skips on wheels* | Pace staqsa jekk l-*iskips on wheels* humiex ser jitneħħew biex jitnaqqas il-volum. | Sindku |
| 05. 9. 20 | Camilleri: *Skip* - Skola Primarja A | Camilleri staqsa min kien qed ibattal l-*iskip* li kien hemm fi Skola Primarja A. Camilleri ġie infurmat mill-Kap ta' l-Iskola li din l-*iskip* ittieħedet u ma jafx min ħadha. | |
| 05. 9. 21 | Camilleri: *Double yellow lines* fi Triq il-Qadi | Camilleri staqsa jekk id-*double yellow lines* fi Triq il-Qadi quddiem il-ħanut tal-videos jistgħux jinteħħew. Is-Sindku spjega li dawn kienu saru minħabba l-bus stop li hemm fil-viċinanzi. | Darmanin |
| 05. 9. 22 | Seychell: Konkors Letterarju | Seychell informa lil Kunsill li daħlu seba' applikazzjoni għal konkonrs letterarju. Il-qari fis-serata ta' Ġieh iż-Żejtun ser ikun qasir. Is-Sindku spjega li huwa importanti li ma jintilifx is-sens ta' dak li jkun qed jinqara. Il-ġurija diġa' ħarġet bir-riżultat liema riżultat għadda lis-Segretarju Eżekuttiv. Id-diskors f'Ġieh iż-Żejtun ser isir mis-Sur Joe Mercieca bit-tema 'Nostalġija fit-toroq'. | Seychell |
| 05. 9. 23 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsillli l-Ħamis 11 ta' Marzu ser ikollha laqgħa ma' l-Arċipriet dwar Żejt iż-Żejtun filwaqt li nhar il-21 ta' Marzu ser tistieden ż-Żwieten li jixtiequ jieħdu sehem f'Żejt iż-Żejtun. Il-Kunsilliera imħeġġa jattendu. Din il-laqgħa ser issir fl-10.00am | Viċi-Sindku |
| 05. 9. 24 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat tal-familja jorganizza l-attivita' tas-seba' visti fl-1 ta' April filwaqt li jorganizza weekend break fid-Dolmen Hotel bejn id-9 u l-11 ta' April 2010. Fl-Għid il-Kbir ser ikunu ppreżentati il-figolli bħas-snin preċedenti lill-persuni b'diżabilita'. | Viċi-Sindku |
| 05. 9. 25 | Vic-Sindku: *Double yellow lines* fi Triq Taltas | Il-Viċi-Sindku talbet li jsiru *double yellow lines* fi Triq Taltas. | Darmanin |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.15pm. Laqgħa oħra ser issir fit-18 ta' Marzu 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv